# WIED IL-MIŻIEB

## SIT PROTETT



### Kont taf?

Dan il-wied kien jintuża bħala barriera. Wara li nqata' l-blat, il-ħofor ġew mimlija bil-ħamrija u wżati bħala art agrikola, b'hekk din l-art inbidlet f'żona importanti għall-biedja.

## Deskrizzjoni

- Wied il-Miżieb, li jinsab fl-inħawi tal-Mellieħa, huwa wied żgħir maqtugħ fil-blat tal-qawwi, ikkaratterizzat minn nixxiegħa ta' ilma staġonali.
- Il-ġnubijiet tal-wied huma karatterizzati minn komunitajiet ta' xagħri u steppa li jkopru madwar 60% taż-żona.
- L-ikbar popolazzjoni indiġena f'Malta tas-siġar tal-għargħar *(Tetraclinis articulata)* tinsab f'dan is-sit.



**It-tengħud tax-xagħri - *Euphorbia melitensis***



**Is-sagħtar - *Thymbra capitata***

## Ekoloġija u importanza

- Għadd ta' speċi ta' pjanti u annimali rari, mhedda u endemiċi (jiġifieri speċi li jinsabu biss fil-Gżejjer Maltin) huma magħrufa minn dan is-sit.
- Speċi ta' annimali jinkludu l-farfett il-lejl widnet il-ġurdien *(Myotis punicus)*, il-pipistrell *(Pipistrellus pygmaeus)* u l-farfett tal-fejġel *(Papilio machaon melitensis)*, li huwa endemiku.
- Annimali marbuta mal-komunità tas-siġar tal-għargħar jinkludu t-tornewmu dejjaq ta' Malta *(Torneuma strictum)*, insett endemiku mhedded li jinstab fil-ħamrija taħt l-għargħar, bejn 10 u 30ċm 'l isfel u l-ħanfusa brimbija ta' Malta *(Microptinus melitensis)*, ukoll endemika, li tinstab fil-weraq mejjet taħt l-għargħar.
- Fost l-ispeċi ta' pjanti magħrufa minn dan il-wied hemm l-għargħar, is-sagħtar *(Thymbra capitata)*, l-erika *(Erica multiflora)* u l-arbuxelli endemiċi tal-ħatba s-sewda *(Anthyllis hermanniae* subsp. *melitensis)* u tat-tengħud tax-xagħri *(Euphorbia melitensis)*.



**L-għargħar - *Tetraclinis articulata***

## Theddid

- It-theddida ewlenija hija l-introduzzjoni ta' speċi invażivi li huma inkompatibbli mal-għargħar.
- Theddida oħra hija rimi illegali ta' skart fiż-żona.



© John J. Borg

**Farfett il-lejl widnet il-ġurdien - *Myotis punicus***

ERA

Ippubblikat mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi - © ERA 2017

*Żona għall-Ħarsien tas-Siġar u Żona Speċjali tal-Konservazzjoni ta' Importanza Internazzjonali permezz tal-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent u d-Direttiva tal-UE dwar l-Ambjenti Naturali.*